IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Opinjoni 08/2022

(skont l-Artikolu 322(1), TFUE)

## dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima kif riveduta mill-Kunsill [Fajl Interistituzzjonali 2021/0206 (COD) tat-30 ta’ Ġunju 2022, 10775 2022]

# Werrej

Paragrafu

**Introduzzjoni** 01 - 04

**Osservazzjonijiet ġenerali** 05 - 09

**Kummenti speċifiċi** 10 - 32

Pjanijiet Soċjali għall-Klima 10 - 14

Finanzjament eliġibbli 15 - 19

Finanzjament tal-Fond 20 - 24

Qafas ta’ kontroll u ta’ prestazzjoni 25 - 32

**Kummenti finali** 33 - 36

# Introduzzjoni

**01** Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat proposta biex jiġi stabbilit Fond Soċjali għall-Klima[1], bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li nħareġ biex jappoġġa l-ilħuq tal-objettiv li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE jitnaqqsu b'minn tal-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, kif maqbul fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2].

**02** Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)[3] timponi prezz fuq il-karbonju billi tistabbilixxi limitu massimu fuq l-emissjonijiet minn ċerti setturi ekonomiċi, li jitnaqqas ta' kull sena. Fir-reviżjoni tal-EU ETS, inkluża wkoll fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' ETS separata għat-trasport bit-triq u għall-bini[4], u dan iwassal għal żieda mistennija fl-ispiża tat-tisħin u t-trasport. Biex jiġi indirizzat l-impatt soċjali tal-ETS il-ġdida, il-Fond Soċjali għall-Klima ("il-Fond") ikun jipprovdi sostenn finanzjarju lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi u utenti tat-trasport milquta. Il-***Figura 1*** turi l-karatteristiċi prinċipali tal-Fond, li jipprovdi sa EUR 59 biljun mill-2027 sal-2032.

**03** Il-Kummissjoni bbażat il-proposta tagħha fuq l-Artikolu 91(1)(d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill iddeċieda li jżid l-Artikolu 322 tat-TFUE mal-bażi legali, billi l-proposta emendata tal-Kunsill kienet tinkludi deroga mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament Finanzjarju[5]. Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kunsill talab opinjoni lill-QEA

---

[1] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (COM(2021) 568).

[2] Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika.

[3] Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità.

[4] Proposta li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 (COM(2021) 551 final).

[5] Approprjazzjonijiet għad-dħul assenjat.

dwar it-test tiegħu li jirrevedi l-proposta tal-Kummissjoni (Approċċ ġenerali milħuq mill-Kunsill Ambjent, minn hawn 'il quddiem "il-proposta")[6].

### Figura 1 – Elementi prinċipali tal-Fond Soċjali għall-Klima



**Objettiv ġenerali**

Li jikkontribwixxi għat-**tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika** billi jindirizza l-impatt soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS

**Objettiv speċifiku**

Appoġġ dirett u miżuri jew investimenti biex tiżdied l-**effiċjenza enerġetika** tal-bini, tiżdied id-**dekarbonizzazzjoni** tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, u jittejjeb l-aċċess għal **mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi**

**Finanzjament**

Massimu ta' **EUR 59 biljun** għall-2027-2032, iġġenerat bis-saħħa tal-irkantar ta' kwoti ETS, prinċipalment fis-settur tal-bini u s-settur tat-trasport bit-triq

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-proposta.
Ikoni: Din il-figura tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

**04** Madankollu, aħna u naħdmu fuq din l-opinjoni, ħabbatna wiċċna mal-isfidi esterni li ġejjin, li llimitaw il-kapaċità tagħna li nipprovdu ħarsa aktar komprensiva lejn bosta kwistjonijiet koperti minn din il-proposta:

- Il-Kunsill talab l-opinjoni tal-QEA biss fit-22 ta' Novembru 2022, biex tkun għandu preferibbilment sa nofs Diċembru għall-aħħar trilogu politiku. Dan ħallielna ftit wisq żmien biex inwettqu xogħolna. Pereżempju, ma vverifikajniex il-preċiżjoni tal-kalkoli tal-finanzjament tal-allokazzjoni tal-fondi min-naħa tal-Istati Membri.

- Din il-proposta hija marbuta mill-qrib mal-proposti leġiżlattivi dwar ir-reviżjoni tal-EU ETS, li attwalment qed tiġi nnegozjata wkoll. Deċiżjonijiet sinifikanti dwar ir-reviżjoni tal-ETS jistgħu jbiddlu elementi ewlenin tal-proposta dwar il-Fond Soċjali għall-Klima (it-twaqqit, is-setturi, eċċ.).

- Il-proposta ma tinkludix l-annessi bil-lista ta' indikaturi komuni jew il-mudell għall-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, u dan jillimitalna l-ambitu.

[6] Fajl Interistituzzjonali 2021/0206 (COD) tat-30 ta' Ġunju 2022, 10775 2022.

# Osservazzjonijiet ġenerali

**Kummenti ġenerali: punti ewlenin**

Il-proposta:

- għandha l-għan li tindirizza d-diskrepanza fl-investiment u l-impatt soċjali taż-żieda stmata fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil
- tintroduċi inċertezza dwar id-dħul u l-adegwatezza tal-finanzjament
- iżżid ir-riskju li jkun hemm finanzjament doppju u trikkib ma' fondi pubbliċi oħra
- inħarġet mingħajr valutazzjoni tal-impatt speċifika
- jaf iżżid il-piż amministrattiv assoċjat mar-rekwiżiti tal-ġestjoni, tar-rappurtar u tal-awditjar

**05** Il-Fond Soċjali għall-Klima għandu l-għan li jċekken id-diskrepanza fl-investiment għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, u dan billi jindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-kontijiet enerġetiċi li qed jogħlew minħabba l-ħolqien ta' suq tal-karbonju tal-UE ġdid għall-emissjonijiet mis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

**06** Il-Fond se jkun iffinanzjat permezz tal-irkantar tal-kwoti taħt l-EU ETS[7]. Madankollu, ir-reviżjoni tal-EU ETS biex tkopri l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq u mill-bini għadha ma ġietx iffinalizzata. Mhuwiex ċar meta se jkun disponibbli d-dħul u jekk dan hux se jkun proporzjonat mal-objettivi ambizzjużi tal-Fond u mal-ħtiġijiet ta' investiment korrispondenti.

**07** Il-proposta tipprovdi finanzjament ulterjuri għall-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Dan jiġi flimkien mad-diversi fondi tal-UE oħra, bħall-Fond għall-Modernizzazzjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jew InvestEU, kif ukoll ma' finanzjamenti nazzjonali jew reġjonali. Huwa importanti li l-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tad-diversi sorsi ta' finanzjament, kif ukoll ir-riskju li jsir finanzjament doppju[8]. Aħna ma sibniex analiżi komprensiva min-naħa tal-Kummissjoni ta' dak li kisbu s'issa dawn il-fondi, jew ta' dak li għad jeħtieġ isir sabiex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-UE. Tali analiżi tkun tiżgura li l-Fond jiġi mmirat u ġestit aħjar.

---

[7] L-Artikolu 9 tal-proposta.

[8] Opinjoni 06/2020 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

**08** Il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt speċifika għall-proposta. Minflok, hija użat il-valutazzjoni tal-impatt minn Settembru 2020, "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030"[9]. L-allokazzjoni finanzjarja stmata ta' EUR 59 biljun għall-2027-2032[10] għall-Fond kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-ETS[11] li ġiet konkluża f'Lulju 2021. Dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt ma setgħux jieħdu inkunsiderazzjoni l-impatt sinifikanti tal-gwerra fl-Ukrajna fuq is-suq tal-enerġija, u b'hekk iqumu d-dubji dwar jekk dawn ipprovdewx bażi xierqa u suffiċjenti għall-proposta.

**09** Il-benefiċċji potenzjali ta' strument separat bħall-Fond Soċjali għall-Klima mhumiex ċari, u l-multiplikazzjoni tal-istrumenti li jiffinanzjaw l-istess tipi ta' proġetti se żżid il-kumplessità fil-finanzjament tal-UE. Ir-riżorsi l-ġodda pprovduti mill-Fond x'aktarx li jżidu l-pressjoni fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jonfqu, f'kuntest fejn ħafna minnhom diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' dewmien fl-assorbiment tal-fondi tal-UE. Dan jista' jwassal biex ma tingħatax biżżejjed attenzjoni lil kunsiderazzjonijiet ta' prestazzjoni u ta' kwalità meta mqabbla mal-prezz[12]. Il-qafas il-ġdid u l-ħidma ta' programmazzjoni li tirriżulta minnu x'aktarx li jżid ukoll mal-ammont ta' xogħol amministrattiv tal-Istati Membri, li jinvolvi proċessi ta' rappurtar, monitoraġġ, awditjar u kwittanza addizzjonali.

---

[9] COM (2020) 562 final.

[10] Il-Kummissjoni inizjalment ipproponiet EUR 72.2 biljun għall-perjodu 2025-2032.

[11] SWD (2021) 602 final.

[12] Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati.

# Kummenti speċifiċi

## Pjanijiet Soċjali għall-Klima

### Pjanijiet Soċjali għall-Klima: punti ewlenin

Jenħtieġ li l-proposta, f'konformità mal-osservazzjoni tal-awditjar preċedenti tagħna dwar l-RRF:

- o tiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà ma' pjanijiet nazzjonali oħra
- o tikkjarifika dak li jikkwalifika bħala lħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri
- o tistabbilixxi kemm stadji importanti u miri kif ukoll proċeduri ċari għall-pagamenti sospiżi
- o tiżgura li l-pagamenti jkunu marbuta mal-ispiża involuta fil-ksib tal-istadji importanti u l-miri

**10** Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima ("il-pjanijiet) se jkunu l-bażi għall-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond. Il-pjanijiet jistabbilixxu **l-miżuri u l-investimenti** disponibbli għall-unitajiet domestiċi, il-mikrointrapriżi u l-utenti tat-trasport milquta mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tal-bini u tat-trasport fl-ETS. Ikun siewi li tiġi kkjarifikata d-differenza bejn il-kunċetti ta' "miżuri" u "investimenti", li mhijiex spjegata fil-proposta. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "faqar enerġetiku" għadha ma ġietx adottata[13], għad li t-terminu jintuża fil-proposta kollha.

**11** Jenħtieġ li l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima **jikkomplementaw** u jkunu konsistenti ma' pjanijiet strateġiċi nazzjonali oħra, bħalma huma l-pjanijiet nazzjonali f'dak li jikkonċerna l-enerġija u l-klima, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, il-programmi operazzjonali nazzjonali relatati mal-politika ta' koeżjoni, il-pjanijiet nazzjonali territorjali għal tranżizzjoni ġusta, u l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali relatati mal-Politika Agrikola Komuni. Dawn il-pjanijiet jaf ikollhom bżonn jiġu aġġornati skont il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. Dan iżid b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali. Il-proposta ma tispeċifikax data ta' skadenza biex l-Istati Membri jippreżentaw il-Pjanijiet Soċjali tagħhom għall-Klima.

---

[13] Ara l-proposta għal direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni), COM(2021) 558 final.

**12** Jenħtieġ li l-appoġġ mill-Fond ma jissostitwixxix in-**nefqa baġitarja nazzjonali** rikorrenti[14]. Li l-Istati Membri jipprovdu introjtu biex jappoġġaw lil familji b'introjtu baxx, eż. billi jissussidjaw l-ispejjeż tat-tisħin u l-elettriku tagħhom, mhijiex xi ħaġa ġdida. L-appoġġ dirett għall-introjtu li jipprovdi l-Fond jista' jintuża għall-istess tip ta' spejjeż, bir-riskju li jissostitwixxi n-nefqa nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-proposta tikkjarifika l-kunċett ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, u dan biex tevita finanzjament doppju u trikkib.

**13** Il-proposta tistabbilixxi li l-Kummissjoni se tagħmel pagamenti lill-Istati Membri abbażi tal-ilħuq sodisfaċenti tal-**istadji importanti u l-miri** fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima[15]. It-tifsira ta' "lħuq sodisfaċenti" mhuwiex spjegat fil-proposta, u lill-Kummissjoni dan jippermettilha marġni konsiderevoli ta' diskrezzjoni. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament indaqs, il-prinċipji ewlenin applikati meta jiġi vvalutat l-"ilħuq sodisfaċenti" jenħtieġ li jiġu speċifikati f'aktar dettall.

**14** L-arranġamenti kumplessivi għall-iżborż tal-fondi bbażati fuq l-ilħuq ta' stadji importanti u miri jixbhu lil dawk użati għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[16]. Għadd ta' osservazzjonijiet tal-awditjar preċedenti li għamilna dwar l-istadji importanti u l-miri tal-RRF jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-Fond, kif ġej:

- Ċerti stadji importanti u miri ma kinux ċari, u dan żied ir-riskju ta' pagamenti mhux dovuti. Għaldaqstant aħna enfasizzajna l-importanza li l-istadji importanti u l-miri jiġu ddefiniti b'mod adegwat biex ikopru l-istadji ta' implimentazzjoni kollha[17].

- L-ammont imħallas f'pagament parzjali partikolari ma kienx neċessarjament ibbażat fuq l-ispejjeż stmati biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri inklużi fit-talba għall-pagament, iżda minflok huwa riżultat tan-negozjati mal-Istat Membru inkwistjoni[18]. Għal stadji importanti u miri li ntlaħqu parzjalment, ma kienx ċar kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddeterminaw l-ammonti tal-pagamenti parzjali.

---

[14] L-Artikolu 12 tal-proposta.

[15] L-Artikolu 19 tal-proposta.

[16] L-Artikolu 5 tal-proposta u l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[17] Ir-Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – Inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni.

[18] Ir-Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – Inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni.

B'riżultat ta' dan, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija ċara biex tiddetermina l-ammont li għandu jiġi sospiż mill-pagamenti[19].

- L-istadji importanti u l-miri kienu orjentati lejn l-output jew kienu jinkludu indikaturi tal-input, u b'mod ġenerali rreferew għall-infiq ta' ċertu ammont ta' fondi. L-evitar tal-indikaturi tal-impatt, l-iffukar fuq l-indikaturi tal-output u l-inklużjoni tal-indikaturi tal-input għall-istadji importanti u l-miri jillimitaw konsiderevolment il-flessibbiltà meħtieġa waqt l-implimentazzjoni u l-possibbiltà li jitkejlu l-prestazzjoni u l-impatt tal-Fond.

## Finanzjament eliġibbli

### Finanzjament eliġibbli: punti ewlenin

- il-pagamenti diretti jistgħu jdewmu t-tranżizzjoni tal-enerġija, huwa meħtieġ immirar aħjar
- it-trasferimenti minn programmi ta' ġestjoni kondiviża jistgħu potenzjalment jimminaw salvagwardji stabbiliti

**15** It-tiżjid tal-**effiċjenza enerġetika** huwa azzjoni ewlenija li għandha tiġi ffinanzjata mill-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. L-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jħabbtu wiċċhom ma' ċerti ostakoli, bħall-qsim tal-inċentivi bejn is-sidien u l-kerrejja tal-bini, spejjeż kbar bil-quddiem u, ta' spiss, perjodi ta' rkupru twal. Aħna nqisu li l-osservazzjonijiet tal-awditjar preċedenti tagħna dwar il-proġetti għall-effiċjenza enerġetika jistgħu jkunu rilevanti għall-Fond (ara l-***Figura 2***).

[19] Ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, il-Kapitolu 10.

## Figura 2 – Osservazzjonijiet tal-awditjar għall-effiċjenza enerġetika tal-UE

Fir-rapport tagħna dwar l-effiċjenza fl-enerġija **fil-bini**:

- Aħna sibna li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-Istati Membri allokaw il-baġit għall-proġetti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, u dan ma ppermettilhomx jivvalutaw l-ispejjeż u l-benefiċċji relattivi tagħhom. Dan kien ifisser li rarament kienu jagħtu prijorità lil proġetti li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija jew għal benefiċċji oħra bi spejjeż aktar baxxi. Aħna nirrakkomandaw li jittejbu l-proċeduri tal-għażla tal-proġetti.
- Aħna semmejna li l-użu ta' verifiki tal-enerġija bħala rekwiżit primarju tal-għażla kien prattika tajba. Tali verifiki, flimkien ma' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija wara x-xogħlijiet, jippermettu li jsiru stimi tal-enerġija li tiġi ffrankata bis-saħħa tal-proġett. Bħala prattika tajba oħra qisna wkoll l-installazzjoni ta' miters individwali fl-unitajiet domestiċi.

Fir-rapport tagħna dwar l-effiċjenza fl-enerġija **fl-intrapriżi**:

- Aħna wrejna li xi proġetti għall-effiċjenza enerġetika kellhom perjodi ta' rkupru itwal minn tul il-ħajja tagħhom, u dan ifisser li ma kinux effiċjenti.
- Aħna enfasizzajna li xi proġetti x'aktarx li kienu jsiru anke fl-assenza ta' għotja mill-UE u setgħu ġew iffinanzjati permezz ta' selfiet.
- Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tivverifika jekk l-għażla tal-istrument ta' finanzjament kinitx raġonevolment iġġustifikata mill-Istati Membri u li ma ntużawx l-għotjiet meta kien ikun aktar xieraq li kieku ntużaw strumenti finanzjarji.

*Sors:* Ir-Rapport Speċjali 11/2020: Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività; ir-Rapport Speċjali 02/2022: Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi - Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti.
Ikoni: Din il-figura tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

**16** Rigward il-**mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi**, ir-rapport tagħna dwar l-appoġġ li jingħata mill-UE għall-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal sistemi ta' pagament armonizzati, informazzjoni adegwata dwar l-utenti rigward id-disponibbiltà f'ħin reali u d-dettalji tal-kontijiet tal-istazzjonijiet għall-iċċarġjar, u aċċess ekwu għall-utenti kollha ta' vetturi elettriċi. Osservajna wkoll li l-finanzjament għall-istazzjonijiet għall-iċċarġjar ma kienx kundizzjonali fuq perjodu minimu ta' operat[20]. Il-proġetti għall-mobbiltà urbana mhux minn dejjem kienu bbażati fuq strateġiji għall-mobbiltà urbana sodi, u spiss ma kinux ikkoordinati ma' muniċipalitajiet ġirien[21]. Il-finanzjament ikun aktar effettiv ladarba jiġu indirizzati dawn il-problemi.

**17** L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw **appoġġ dirett għall-introjtu temporanju**, limitat għall-impatt dirett tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, sa massimu ta' 35 % tal-ispejjeż totali stmati tal-pjanijiet tagħhom. L-appoġġ dirett jeħtieġ li jiġi kkalkulat b'mod xieraq u jkun immirat sew biex jilħaq lill-aktar nies vulnerabbli li jintlaqtu b'mod sproporzjonat miż-żieda fil-prezz tal-fjuwil u tal-enerġija, u li jiġi pprovdut b'mod temporanju filwaqt li l-miżuri ta' investiment

[20] Ir-Rapport Speċjali 05/2021: Infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom.

[21] Ir-Rapport Speċjali 06/2020: Mobbiltà Urbana Sostenibbli fl-UE: Mhuwiex possibbli li jsir titjib sostanzjali mingħajr l-impenn tal-Istati Membri.

jnaqqsu l-ispejjeż relatati. Iżda tali appoġġ jista' jgħin lil unitajiet domestiċi vulnerabbli jassorbu l-ispiża ogħla biex iħaddmu s-sistemi tat-tisħin li jaħdmu bil-faħam jew bil-gass u biex isuqu karozzi b'magni b'kombustjoni. Għaldaqstant l-impatt jista' jkun li għal dawn l-unitajiet domestiċi tiġi posposta t-tranżizzjoni tal-enerġija u tinżamm id-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili. Aħna nqisu li l-finanzjament jenħtieġ li jimmira aħjar l-azzjonijiet rilevanti dwar l-effiċjenza enerġetika jew l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport biex jiġu indirizzati l-objettivi tal-Fond, billi l-pagamenti diretti jaf, sa ċertu punt, ikollhom impatt fuq il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u jaf ma jallinjawx mal-"impatt fit-tul" indikat fl-Artikolu 15 tal-Proposta.

**18** L-Artikolu 10 jipprevedi l-possibbiltà li l-**fondi jiġu trasferiti mill-programmi ta' ġestjoni kondiviża u lejhom**[22]. Dwar dan is-suġġett:

- Il-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Fond (sa 15 %) lejn fondi taħt ġestjoni kondiviża. Tali programmi joffru salvagwardji addizzjonali, u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ħafna esperjenza fl-implimentazzjoni.
- Il-proposta tipprevedi wkoll trasferimenti minn programmi ta' ġestjoni kondiviża għall-Fond. Dawn huma limitati mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[23]. Preċedentement aħna indikajna li dawn it-trasferimenti jaf inaqqsu d-disponibbiltà ta' finanzjament għal objettivi oħra b'rabta mal-koeżjoni u l-iżvilupp rurali[24], u jaf jaffettwaw l-għanijiet strateġiċi primarji tagħhom. Indikajna wkoll li l-possibbiltà ta' trasferimenti jaf twassal biex il-fondi jmorru għal programmi li huma meqjusa li għandhom inqas kundizzjonijiet jew li huma aktar vantaġġużi mil-lat ta' spejjeż[25]. B'mod partikolari, it-trasferiment ta' fondi jista' potenzjalment jimmina s-salvagwardji inerenti fil-programmi operazzjonali soġġetti għall-ġestjoni kondiviża, jew jiftaħ il-possibbiltà li jiġi evitat il-kofinanzjament li normalment ikun

---

[22] Regolament (UE) Nru 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

[23] L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 26/1060 dwar dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

[24] L-Opinjoni 04/2022 RePowerEU.

[25] Ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020, il-Kapitolu 2.

meħtieġ mill-Istati Membri[26]. Għaldaqstant, aħna nappoġġaw l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet speċifiċi fil-proposta għal tali trasferimenti ta' fondi.

**19** Il-proposta tipprevedi l-għoti ta' **appoġġ lill-entitajiet pubbliċi u privati** fl-iżvilupp u l-forniment ta' soluzzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika u servizzi ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi affordabbli. L-Istati Membri huma responsabbli li jipprovdu salvagwardji biex jiżguraw li l-benefiċċju kollu jiġi mgħoddi lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport. Aħna nosservaw li l-proposta ma tirreferi għal ebda salvagwardja tali, pereżempju li tillimita l-fondi disponibbli għal dan it-tip ta' appoġġ.

## Finanzjament tal-Fond

### Finanzjament tal-Fond: punti ewlenin

- x'aktarx se jkun hemm bżonn aktar kwoti ETS apparti l-200 miljun kwota
- il-volatilità tal-prezzijiet u l-inċertezza tad-dħul disponibbli jistgħu jikkostitwixxu riskji ta' finanzjament
- l-allokazzjoni tal-formula li wkoll hija bbażata fuq il-popolazzjoni rurali mhijiex spjegata fil-proposta

**20** Il-finanzjament tal-Fond, sa massimu ta' EUR 59 biljun għall-perjodu 2027-2032, jenħtieġ li jkun kopert minn dħul assenjat estern[27]. Id-dħul se jkun iġġenerat permezz ta' rkant tal-kwoti taħt l-EU ETS. Il-proposta li tirrevedi l-EU ETS[28] tirreferi għal żewġ tipi ta' kwoti li għandhom isiru disponibbli għall-Fond:

- 50 miljun kwota ġew irkantati minn installazzjonijiet stazzjonarji (ġenerazzjoni tal-enerġija u industrija). Dan id-dħul mhuwiex marbut mal-bini jew mat-trasport bit-triq, u għaldaqstant mhux se jkollu impatt fuq iż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fis-setturi tal-bini jew tat-trasport bit-triq;

---

[26] Opinjoni 06/2020 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[27] L-Artikolu 9 tal-proposta. Id-dħul assenjat estern jintuża biex jiġu ffinanzjati partiti speċifiċi tan-nefqa, kif iddefinit fl-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Rigward id-dħul assenjat, il-Parlament Ewropew huwa eskluż mill-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet.

[28] Approċċ Ġenerali tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2022, Fajl Interistituzzjonali: 2021/0211 (COD) 10796/22.

- 150 miljun kwota li inizjalment ġew irkantati mill-ETS għall-bini u t-trasport bit-triq, flimkien ma' għadd mhux determinat ta' kwoti rkantati f'dawn iż-żewġ setturi sabiex id-dħul jiżdied sal-EUR 59 biljun meħtieġa.

**21** L-irkantar ta' 200 miljun kwota jirrikjedi prezz ta' EUR 295 għal kull kwota biex jiġu ġġenerati EUR 59 biljun, filwaqt li f'Novembru 2022 il-prezz tal-kwoti fil-pjattaforma tal-irkant kellu medja ta' EUR 80 għal kull kwota[29]. Il-Kummissjoni ħadmet fuq is-suppożizzjoni ta' EUR 45 għal kull kwota (bil-prezzijiet tal-2020), li jissarrfu f'EUR 9 biljun fi dħul mill-200 miljun kwota li ngħataw fid-dettall hawn fuq. Biex tiġġenera dħul ta' EUR 59 biljun, il-Kummissjoni x'aktarx li jkollha bżonn tirkanta sinifikattivament aktar kwoti tal-ETS għall-bini u t-trasport bit-triq.

**22** Il-Kummissjoni pproponiet li 25 % tad-dħul tal-ETS isir riżorsi proprji ġodda[30], li għandu jintuża fost oħrajn biex jitħallsu lura l-għotjiet Next Generation EU jew jitnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit annwali tal-UE[31]. Il-Kummissjoni stmat li 25 % tad-dħul tal-ETS iġġenerat mill-inklużjoni tal-bini u t-trasport bit-triq fl-ETS ikun biżżejjed biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Fond f'dak li jikkonċerna l-finanzjament[32]. L-ETS ilha topera mill-2005 'il hawn u l-prezzijiet għall-kwoti tal-emissjonijiet varjaw b'mod sinifikanti (bejn EUR 5 u EUR 55 mill-2005 sal-2021)[33], u għal din ir-raġuni l-ETS hija sors relattivament volatili ta' dħul għall-UE.

---

[29] https://www.eex.com/en/market-data/environmental-markets/eua-primary-auction-spot-download.

[30] Proposta tal-Kummissjoni (COM(2021) 570) tat-22 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

[31] Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja (...) inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

[32] Proposta li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 (COM(2021) 551 final).

[33] Rapport dwar is-Suq Ewropew tal-Karbonju (COM(2021) 962): Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-irkantijiet tal-kwoti ġenerali, bejn Jannar 2013 u t-30 ta' Ġunju 2021.

**23** Mal-approvazzjoni tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, il-Kummissjoni se tiffirma l-impenji legali mal-Istati Membri bil-għan li tħallas bis-sħiħ l-allokazzjoni finanzjarja massima sakemm jibqa' jeżisti l-Fond. Il-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-**pagamenti jitnaqqsu b'mod proporzjonali** f'każ li f'sena partikolari ma jkunx hemm biżżejjed dħul assenjat, u l-bilanċ ikollu jitħallas meta d-dħul isir disponibbli[34].

**24** Il-formula għall-allokazzjoni tal-fondi lill-Istati Membri tieħu inkunsiderazzjoni l-popolazzjoni, inklużi l-proporzjon ta' żoni rurali, il-livelli ta' faqar, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-kombustjoni tal-fjuwil min-naħa tal-unitajiet domestiċi, u l-introjtu nazzjonali gross *per capita*. Dawn il-kriterji huma konsistenti mal-objettivi tal-Fond; Madankollu, il-proposta ma tipprovdix dettalji dwar il-għala l-popolazzjoni f'żoni rurali tirċievi ponderazzjoni ogħla fil-formula ta' allokazzjoni.

## Qafas ta' kontroll u ta' prestazzjoni

### Qafas ta' kontroll u ta' prestazzjoni: punti ewlenin

- Il-valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-pjanijiet teħtieġ tkun iddokumentata sew
- il-konformità mal-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali applikabbli jenħtieġ li tkun iddettaljata
- il-każijiet ta' frodi suspettata jeħtieġu jiġu rrappurtati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE
- jenħtieġ li l-indikaturi komuni jkunu rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti

**25** Aħna nilqgħu l-fatt li l-proposta tawtorizza espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn rilevanti, lill-UPPE biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-aċċess, l-awditu u l-investigazzjoni.

[34] L-Artikolu 19.9 u l-Artikolu 18 tal-proposta.

**26** L-Artikolu 15 jistabbilixxi lista ta' kriterji għall-**valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni** tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali, li għandhom struttura simili għal dik tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs). Aħna sibna li t-traċċa tad-dokumentazzjoni kienet ġeneralment frammentata u li l-analiżijiet dehru f'bosta dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni għal komponenti differenti tal-RRPs. Sibna wkoll li l-Kummissjoni kienet applikat valutazzjoni kwalitattiva ta' kull RRP imqabbel mal-istandards tar-Regolament dwar l-RRF aktar milli valutazzjoni komparattiva[35]. Fl-Artikolu 4.3, il-proposta tirreferi espliċitament għall-identifikazzjoni tal-aqwa prattiki fl-Istati Membri kollha.

**27** L-Istati Membri huma mitluba li fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom jipprovdu aċċertament li l-allokazzjonijiet finanzjarji huma ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, dwar il-prevenzjoni tal-frodi, u dwar il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju[36]. Madankollu, ma hemm ebda obbligu dirett biex il-Kummissjoni tivverifika jekk is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jipprovdux l-aċċertament meħtieġ, u dan jikkostitwixxi riskju ta' lakuni fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont, u fl-aħħar mill-aħħar riskji f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. <u>Għaldaqstant aħna nqisu li l-proposta jenħtieġ li tikkjarifika u ssaħħaħ ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-konformità mar-regoli nazzjonali u tal-UE.</u>

**28** Preċedentement, aħna rrappurtajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali, bħar-regoli dwar l-akkwist, l-għajnuna mill-istat u l-eliġibbiltà. Bħala konsegwenza ta' dan, fid-dawl tal-kopertura tal-qafas ta' kontroll għall-Fond u r-responsabbiltà limitata ddefinita għall-Kummissjoni, fil-livell tal-UE jaf ikun hemm informazzjoni vverifikata limitata dwar jekk is-sistemi tal-Istati Membri jkoprux b'mod adegwat ir-riskju sinifikanti ta' **nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali**, u kif.

**29** L-Artikolu 20.5 tal-proposta jissuġġerixxi li r-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija limitata għall-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-ksur tal-obbligi li ġejjin mill-ftehim ta' finanzjament. B'mod partikolari, il-proposta tindirizza l-**miżuri kontra l-frodi** b'mod aktar iddettaljat mir-regolament dwar l-RRF, għalkemm mhuwiex ċar kif

---

[35] Ir-Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – Inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni.

[36] L-Artikolu 20 u l-Anness III tal-proposta.

jenħtieġ li jiġu rrappurtati l-każijiet ta’ frodi suspettata u f’liema livell (fil-livell nazzjonali u/jew f’dak tal-UE).

**30** Aħna nqisuh bħala pożittiv li l-Istati Membri se jiġu mitluba jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f’sistema elettronika d-*data* dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, u s-sottokuntratturi[37]. Informazzjoni aġġornata dwar l-ammont ta’ appoġġ finanzjarju li jirċievu r-riċevituri finali se tiffaċilità wkoll il-monitoraġġ tal-assorbiment tal-fondi. Madankollu, billi l-informazzjoni hija rikjesta biss dwar sottokuntratturi tal-ewwel livell li jirċievu aktar minn EUR 50 000, xi sottokuntratturi mhux se jiġu rrappurtati. Aħna nosservaw ukoll li ma hemm ebda limitu ta’ żmien previst għall-pubblikazzjoni ta’ din l-informazzjoni.

**31** L-Artikolu 20 jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema effettiva u effiċjenti ta’ kontroll intern ibbażata fuq ir-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness III tal-proposta. Aħna nqisu li jenħtieġ li l-Istati Membri jintalbu wkoll iwettqu verifikazzjonijiet tal-ġestjoni u awditi biex jiżguraw li l-fondi jkunu ntużaw f’konformità mal-liġi tal-UE u dik nazzjonali rilevanti. Il-valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-adegwatezza tas-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri hija deskritta b’mod ġenerali ħafna fil-proposta, li, għall-kuntrarju tar-regolament dwar l-RRF, ma tirrikjedix li l-Kummissjoni tapplika sistema ta’ klassifikazzjoni[38].

**32** Aħna nilqgħu d-dispożizzjonijiet dwar il-**monitoraġġ u l-evalwazzjoni** tal-Fond. Madankollu, il-proposta ma tinkludix l-anness bl-indikaturi komuni. Preċedentement aħna osservajna li l-qafas ta’ monitoraġġ għall-effiċjenza enerġetika ma ppermettiex lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-UE[39]. Jenħtieġ li tali indikaturi jikkorrispondu għall-objettivi tal-Fond u jkunu adatti biex ikejlu l-prestazzjoni tiegħu. Kemm jista’ jkun, jenħtieġ li dawn isegwu l-kriterji Rilevanti, Aċċettati, Kredibbli, Faċli u Robusti (RACER)[40].

---

[37] L-Artikolu 20 tal-proposta.

[38] Il-Proposta dwar l-istabbiliment ta’ Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Anness II. Li ġejjin huma eżempji ta’ sistemi ta’ klassifikazzjoni: sa livell għoli/medju/baxx; impatt mistenni għoli/medju/baxx; jikkontribwixxi b’mod effettiv/parzjali/ma jikkontribwixxi xejn; arranġamenti adegwati/minimi/insuffiċjenti.

[39] Ir-Rapport Speċjali 11/2020: Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività; ir-Rapport Speċjali 02/2022: Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi - Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti.

[40] Opinjoni 06/2020 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

# Kummenti finali

**33** Il-Fond Soċjali għall-Klima ġie propost mill-Kummissjoni f'Lulju 2021 u rivedut mill-Kunsill f'Ġunju 2022. Huwa għandu l-għan li jindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-prezzijiet tal-enerġija li dejjem jogħlew minħabba l-ħolqien ta' Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Il-Fond għandu l-opportunità li jagħti kontribut importanti biex, sal-2050, l-UE tikseb in-newtralità klimatika.

**34** L-irkantar tal-kwoti EU ETS mis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq se jipprovdi finanzjament għall-Fond li jammonta sa EUR 59 biljun għall-2027-2032. Il-volatilità tal-prezzijiet li taffettwa l-kwoti EU ETS u l-inċertezza tad-dħul disponibbli jaf jikkostitwixxu riskji ta' finanzjament Peress li l-Kummissjoni għadha m'adottatx proċeduri għall-ġestjoni tar-riżorsi proprji l-ġodda proposti jew għall-kalkolu, l-istabbiliment u l-irkupru tad-dħul, mhuwiex ċar meta se jkun disponibbli d-dħul u jekk dan hux se jkun proporzjonat mal-objettivi ambizzjużi tal-Fond u mal-ħtiġijiet ta' investiment korrispondenti. Din il-problema tkompli tikber minħabba n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika għall-proposta.

**35** Il-proposta tibni fuq aspetti bażiċi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), bħall-pjanijiet nazzjonali, il-pagamenti kkundizzjonati fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri, l-addizzjonalità u l-komplementarjetà ma' fondi tal-UE u fondi nazzjonali oħra, u l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Madankollu, f'dak li jikkonċerna l-RRF, il-Kummissjoni se tivvaluta prinċipalment il-probabbiltà li jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi fl-istadju tal-valutazzjoni tal-pjanijiet u, sa livell inqas, meta tivvaluta t-talbiet għall-pagamenti.

**36** F'dan il-kuntest, aħna nixtiequ nisħqu fuq l-importanza li jinsiltu t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-RRF fi proċeduri u deċiżjonijiet ulterjuri dwar il-Fond Soċjali għall-Klima. B'mod partikolari, aħna nemmnu li ċerti dgħufijiet, li aħna enfasizzajna preċedentement għall-RRF, huma rilevanti wkoll għall-Fond:

- riskju ta' finanzjament doppju u objettivi li jikkoinċidu ma' strumenti u fondi pubbliċi oħra;
- attenzjoni insuffiċjenti lill-prestazzjoni u l-valur għall-flus minħabba l-kumplessità u l-piż amministrattiv miżjuda;
- rabta dgħajfa potenzjali bejn il-pagamenti u l-objettivi, l-istadji importanti u l-miri tal-Fond;

- lakuni fl-aċċertament u fl-obbligu ta’ rendikont f’dak li jikkonċerna l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;
- indikaturi, stadji importanti u miri li ma jivvalutawx b’mod effettiv il-prestazzjoni.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-15 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*